# MALTA

**ATT Nru. X ta' l-2008**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, Kap. 334.**

**ACT No. X of 2008**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Malta Freeports Act, Cap. 334.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

21 ta' Novembru, 2008

## ATT Nru X ta' l-2008

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap. 334).*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 334.

2. Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) fit-tieni proviso tiegħu, minflok il-kliem "m'għandux jitqies li jkun titolu simili għal bejgħ;" għandhom jidħlu l-kliem "m'għandux jitqies li jkun titolu simili għal bejgħ:" u

(b) minnufih wara l-imsemmi tieni proviso, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-Awtorità, bl-approvazzjoni tal-Ministru u skond il-paragrafi (a), (b), (d), (e) jew (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, tista' toħloq servitujiet u drittijiet oħra simili fuq arei kompriżi f'żona ta' Port

Ħieles favur art oħra li tinsab barra żona ta' Port Ħieles kull meta dawn id-drittijiet ikunu meħtieġa għall-użu xieraq ta' din l-art;".

Emenda għall-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 4(1) ta' l-Att prinċipali, il-kliem "Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 53 tal-15 ta' Novembru, 2008.

LOUIS GALEA
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

21st November, 2008

## ACT No. X of 2008

*AN ACT to amend the Malta Freeports Act (Cap. 334).*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

Short title. Cap. 334.

**1.** The short title of this Act is the Malta Freeports (Amendment) Act, 2008, and this Act shall be read and construed as one with the Malta Freeports Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 6 of the principal Act.

**2.** Paragraph (c) of subarticle (1) of article 6 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in the second proviso thereof, for the words "shall not be considered to be a title similar to sale;" there shall be substituted the words "shall not be considered to be a title similar to sale:"; and

(b) immediately after the said second proviso, there shall be added the following new proviso:

"Provided further that the Authority may, with the approval of the Minister and in accordance with paragraphs (a), (b), (d), (e) or (f) of sub-article (1) of article 3 of the Disposal of Government Land Act, create

servitudes and other similar rights over areas comprised within a Freeport zone in favour of any land outside the Freeport Zone whenever such rights are required for the proper use of such land;".

Amendment of article 4 of the principal Act.

3. In article 4(1) of the principal Act the words "The provisions of the Disposal of Government Land Act" shall be substituted by the words "Except as otherwise provided in this Act, the provisions of the Disposal of Government Land Act".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 53 of the 15th November, 2008.

LOUIS GALEA
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Acting Clerk to the House of Representatives*